DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 161549** **11.07.2016**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker jirċievi żjara ta' kortesija mill-Ombudsman***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, dalgħodu rċieva żjara ta' kortesija mill-Ombudsman is-Sur Anthony Mifsud.

Matul l-istess laqgħa l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati ġie ppreżentat bir-rapport annwali għas-sena 2015, liema rapport jikkonċiedi mal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-istess istituzzjoni.

L-Ispeaker awgura lill-Ombudsman Anthony Mifsud, kull suċċess fil-ħidma tiegħu filwaqt li sellem lill-eks-Ombudsman l-Prim Imħallef Emeritu Joseph Said Pullicino.

Preżenti għall-preżentazzjoni tar-rapport annwali kien hemm l-Iskrivan tal-Kamra, is-Sur Ray Scicluna.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt